# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 2

11 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-1.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 2.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

2.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 2.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-ewwel (01) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

2.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, GD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 2.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.3.1. Is-Sindku ressqet proposta mill-uffiċċju amministrattiv sabiex minħabba esiġenzi tax-xogħol, kull tip ta' ħlas jibda' jsir sa nofsinhar matul il-ħinijiet tas-Sajf, u sat-3pm matul il-ħinijiet tax-Xitwa filwaqt li nhar ta' Sibt il-ħlas isir sal-10.30am. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu u qabel li għandha titwaħħal tabella man-*noticeboards* tal-uffiċċju bil-ħinijiet il-ġodda kif ukoll li r-residenti jiġu nfurmati permezz tal-*leaflet* li ser jinħareġ dalwaqt u tramite il-paġna ta' Facebook. Il-Kunsill qabel li l-ħinijiet il-ġodda għandhom jidħlu in effett ġimgħatejn wara.

2.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Kummissarju tal-Ġustizzja, l-Avukat Dr Noel Bartolo, fejn informa li kien qed jirrinunzja għall-ħlas dovut lilu għas-servizz mogħti minnu lill-Kunsill għall-ġurament tas-Sindku u l-Viċi Sindku. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat jirringrazzjah ta' dan.

2.3.3. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li d-Data Protection Officer kien talab li jiltaqa' mal-Kunsill sabiex ikun jista' joffri taħriġ relatat mal-GDPR. Il-Kunsill qabel u qabel li għandha tiġi maqbula data sabiex ikun jista' jsir dan it-taħriġ.

2.3.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-ħarġiet li jiġu organizzati mis-sottokumitat tan-nisa u talbet l-approvazzjoni sabiex dawn il-ħarġiet ikunu jistgħu ikomplu jsiru b'mod regolari. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

2.3.5. Is-Sindku DSH qalet li kienet tkellmet ma' Spettur tad-distrett fejn kien ippropona lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb jagħmel *bye-law* kontra l-*loitering* bi fliexken tax-xorb alkoħoliku fit-toroq tal-Floriana fejn ma jkunx permess mixi fit-toroq bi fliexken tax-xorb alkoħoliku fl-idejn. Il-Kunsill qabel li għandu jibda' l-proċedura għal din il-*bye-law.*

## 2.4 Rapporti

2.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 2.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

2.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax terġa' tiġi rinfreskata l-iStop sign li hemm fi Triq San Tumas fejn kien inħaraq l-ark, kif ukoll il-linji ta' parkeġġ li hemm fl-istess post. Il-Kunsill qabel.

2.5.2. Il-Kunsillier JAE ressaq proposta minn sidien ta' negozju li talbu li terġa' ssir *sleeping policeman* fi Triq San Publju kantuniera ma' Triq is-Suq. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem ma' Transport Malta sabiex terġa' ssir.

2.5.3. Il-Viċi Sindku GD staqsiet jekk jistax jittawwal id-*double yellow line* li hemm ħdejn l-Argotti. Hija spjegat kif minħabba l-vetturi pparkjati qed jingħalaq l-aċċess li hemm mal-bankina għall-persuni b'diżabilità. Il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku għandha tikkomunika mal-Kunsillier VB sabiex jaraw iż-żona eżatt u x'jista' jsir.

## 2.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

2.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 2.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

2.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 01/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

2.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

2.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta' Ġunju, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

2.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 2.8 MOZZJONIJIET

2.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

## 2.9 OFFERTI

2.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tas-Civil Works u qalet li l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Hija qalet li l-persuna li ssottomettiet l-offerta magħżula kienet baqgħet ma resqitx għall-kuntratt u għalhekk il-Kunsill ma setax jibqa' jistenna u jżomm ix-xogħol pendenti.

2.9.2. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal komunikazzjoni mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn kienu qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jikkuntratta Contracts Manager, li jkun persuna li jieħu ħsieb li l-kuntratturi tal-Kunsill jagħmlu xogħolhom u jagħmluh sew. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ sejħa għall-offerti għall-Contracts manager.

2.9.3. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li jrid jerġa' jinħatar Adjudication Committee għas-sejħa għall-offerti tal-Urban Greening. Il-Kunsill qabel li l-membri fuq dan il-kumitat għandhom ikunu il-Viċi Sindku GD, u l-Kunsilliera JP u VB. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinħatar espert minn Ambjent Malta.

2.9.4. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienu ntalbu kwotazzjonijiet għal *emergency lights* ġodda minħabba li ma kienx val la pena li dawk eżistenti jiġu rranġati. Hija qalet li l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-kwotazzjonijiet mitluba.

## 2.10 KORRISPONDENZA

### 2.10.1. TALBA MINGĦAND IL-MALTA PHILARMONIC ORCHESTRA

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għat-talba mressqa mill-Malta Philarmonic Orchestra fejn kienu talbu lill-Kunsill sabiex jagħmlu użu mis-swali tad-Dar tal-Kunsill għall-prattika. Hija qalet li huma kienu ġew jaraw is-swali u kienu pproponew li jirranġaw is-swali a spejjeż tagħhom kif ukoll joffru *soundproofing,* bi ftehim għal tliet snin. Il-Kunsill qabel mal-proposta bil-kundizzjonijiet li l-prattika ssir sa nofsinhar sabiex ma jdejjqux lir-residenti u li jipprovdu skeda minn qabel sabiex ma jkunux konfliġġenti mal-attivitajiet tal-Kunsill jew mal-kiri tal-istess swali.

### 2.10.2. GĦAQDA SIĠAR MALTIN

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Għaqda Siġar Maltin fejn ġibdu l-attenzjoni għal numru ta' siġar tal-ballut fi Ġnien l-Argotti li mietu. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq dan l-ilment lill-entità responsabbli minn Ġnien l-Argotti. Huma talbu wkoll sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jallokalhom żona fejn ikunu jistgħu jagħmlu mixtla fejn wara, is-siġar li jkunu tkabbru, jinżergħu fi bnadi madwar Malta. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom u jissuġġerilhom ukoll li jitkellmu ma' Friends of the Earth li għadhom kemm ġew allokati post adegwat fil-Floriana qrib il-Park & Ride.

2.10.3. **Talba għal Soccer Table maġenb il-Bus Stop ta' Bieb il-Bombi**

Is-Sindku DSH ressqet talba sabiex issir *soccer table* ħdejn il-*bus stop* ta' Bieb il-Bombi. Wara li ddiskuta din it-talba, il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta, speċjalment mal-post propost.

2.10.4. **Talba mingħand Liberty International Malta**

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand Liberty International Malta sabiex jużaw il-Fosos għal attività f'ġurnata bejn is-27 u d-29 ta' Lulju 2019. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dejjem jekk l-attività ma tkunx kunfliġġenti mal-attivitajiet tal-Indipendenza, u qabel li għandha tintalab donazzjoni ta' €2000 bħala Corporate Social Responsibility. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddilhom il-kundizzjonijiet tal-użu tal-Fosos sabiex jaderixxu magħhom.

Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal dak li ġie diskuss f'leġiżlatura preċedenti rigward il-Fosos u ppropona li din il-materja terġa' tiġi diskussa sabiex il-Kunsill ikun jista' jressaq l-interess tiegħu li jkun responsabbli mill-Fosos. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mal-Ministru Bonnici li talab lill-Kunsill iressaq il-punti tiegħu. Is-Sindku qalet li kienet ser titlob li din il-materja tiġi diskussa fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

2.10.5. **Parkeġġ riservati f'Belt is-Sebħ**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Transport Malta fejn informaw lill-Kunsill li ġew approvati sitt parkeġġi riservati għall-Kummissarju għat-Taxxi f'Belt is-Sebħ. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona għal dan a bażi ta' Transport Malta – Operating Procedures – Permanent Traffic Management Policies and Guidelines (External) Artiklu 5.7.8.2 u Artiklu 5.7.8.9.

2.10.6. **Korrispondenza mingħand feeder tal-qtates**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand waħda mill-*feeders* awtorizzati tal-qtates fejn talbet l-għajnuna tal-Kunsill wara li nnotat li kien hemm ammont sostanzjali ta' qtates li ma dehrux aktar miż-żona ta' Ġnien l-Argotti. Il-Kunsill qabel li għandu jitlobha tagħmel rapport formali lill-Pulizija filwaqt li l-Kunsill għandu jagħmel rapport lill-Animal Welfare u lill-entità li tieħu ħsieb Ġnien l-Argotti.

2.10.7. **Talba mill-Fergħa Armar ta' Barra**

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand il-Fergħa Arma ta' Barra fejn ipproponew li l-Ħarġa għal Għawdex tittella' b'riżq l-għaqda tagħhom. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u laqa' t-talba.

2.10.8. **TALBA MILL-FLORIANA FC**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Floriana FC fejn ipproponew li ssir attività konġunta. Il-Kunsill laqa' l-proposta u qabel li tali attività għandha ssir fi Ġnien Vilhena kif mitlub.

2.10.9. **PRESENTATION NIGHT – FLORIANA AJAX**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Floriana Ajax fejn informaw lill-Kunsill li kien hemm bidla fid-data tal-Presentation Night għall-10 t'Awwissu 2019. Il-Kunsill innota l-bidla fid-data.

2.10.10. **TALBA MINGĦAND IL-FLORIANA AJAX**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Floriana Ajax fejn talbu lill-Kunsill post alternattiv għall-għaqda tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom sabiex jiddiskuti t-talba tagħhom u jara eżattament x'qed jintalab.

2.10.11. **SURVEY RIGWARD IL-PERMESSI MAĦRUĠA MILL-KUNSILLI LOKALI**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informa lill-Kunsill li kien qed isir *survey* rigward il-permessi li jinħarġu mill-Kunsill. Is-Sindku nformat li l-Kunsill kien irrisponda s-*survey* a bażi tal-punti li kienu ġew sottomessi mill-AKL diversi drabi, mill-kunsill tal-leġiżlatura preċedenti.

2.10.12. **PREMJU NAZZJONALI FIL-QASAM TAD-DEMENTIA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Onor. Segretarju Parlamentari Anthony Agius Decelis fejn informaw lill-Kunsill bil-Premju Nazzjonali fil-qasam tad-*dementia.* Wara d-diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti internament sabiex tiġi nominata persuna idonea għal dan il-premju.

2.10.13. **OFFERTA RIGWARD VETTURI ELETTRIĊI**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand importatur ta' vetturi elettriċi li ressaq l-offerta tiegħu lill-Kunsill għal vettura elettrika. Il-Kunsill innota l-offerta.

2.10.14. **TALBA – CHRISTMAS CAROLING**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand grupp li joffri servizz ta' Christmas Caroling fejn talbu laqgħa mal-Kunsill rigward attivitajiet matul żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom u joħroġ bi proposta.

2.10.15. **ATTIVITAJIET ORGANIZZATI MILL-MALTA PRIDE LGBTIQ+**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-AKL u dik mingħand Allied Rainbow Communities (arc) Malta Pride LGBTIQ fejn informaw lill-Kunsill bl-attivitajiet li ser ikunu qed itellgħu, partikularment attività li ser issir fl-14 ta' Settembru 2019, filwaqt li bejn is-6 u l-15 ta' Settembru 2019 intalbu li l-kunsilli jieħdu inizjattiva b'sapport. Wara li ddiskuta xi proposti, il-Kunsill innota li kien diġà żeba' iż-*zebra crossing* ta' Triq Sant'Anna b'mod ikkulurit, u qabel li għandu jtella' wkoll bandiera fid-Dar tal-Kunsill.

2.10.16. **KORSIJIET TAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA**

Is-Sindku DSH ressqet proposta sabiex jiġu organizzati Korsijiet tat-tagħlim tul il-ħajja fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx ladarba l-istess korsijiet jiġu organizzati fl-iSkola Primarja wkoll iżda qabel li għandu jiċċirkola l-iskeda tal-korsijiet appena toħroġ.

2.10.17. **KORSIJIET ORGANIZZATI MILL-PRIMARY HEALTH CARE**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Primary Health Care Program dwar korsijiet li qegħdin joffru relatati mal-ħarsien tas-saħħa. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-inizjattiva u għandu jinforma lil dan id-dipartiment bl-intenzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel li jinżammu taħditiet dwar it-temi kollha offruti.

2.10.18. **TALBA GĦAL PARKEĠĠ RISERVAT GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand resident sabiex isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità fi Triq l-Imħażen. Il-Kunsill evalwa l-każ, approva t-talba u qabel li għandu jieħu ħsieb japplika.

2.10.19. **ILMENT MIN PROPJETARJA TA' ĦANUT**

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand propjetarja ta' ħanut li nformat lill-Kunsill li kien qed jidħlilha xi ilma fil-kantina tal-ħanut. Hija qalet li l-Perit tagħha kien iddetermina li l-problema kienet ġejja mill-bankina u għalhekk kienet qed titlob li jsir membrane fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Perit tagħha sabiex jara x'jista' jsir.

## 2.11 FINANCIAL STATEMENTS (IT-TIENI KWART)

2.11.1. Is-Sindku DSH ippreżentat ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart.

2.11.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB favur l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport u ssekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JP, DSH, GD, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 2.12 ISLE OF MTV

2.12.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li l-kunċert kien suċċess u li kollox mar sew ħlief għal xi lmenti żgħar meta komparata ma' dawk li nżammu fi snin preċedenti.

2.12.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal ilment partikolari li kellu. Huwa qal li għalkemm il-Kunsill m'għandu l-ebda awtorità fuq dak li jiġri fuq il-Fosos u l-madwar dakinhar tal-attività, il-Kunsill dejjem se jibqa' l-punt ta' riferenza tar-resident. Huwa qara xi partijiet minn ilment li kellu fejn resident ma tħallix jidħol għar-residenza tiegħu dakinhar tal-attività.

2.12.3. Is-SE qalet li kien hemm ilment simili iżda ġibdet l-attenzjoni li jekk dawn iż-żewġ każijiet saru fl-istess ħin, inzertaw fil-ħin li l-armata kienet qed tagħmel *security check* intensiva ħafna u f'dak il-ħin partikolari ma tħalla jidħol ħadd. Is-Sindku qalet li għalkemm kienu qed jissemmew każijiet ta' żewġ residenti li ma tħallewx jgħaddu, kien hemm mijiet ta' residenti oħra li ma kellhom l-ebda problema biex jidħlu u joħorġu.

2.12.4. Il-Kunsillier JAE qal li dawn kienu sfidi fejn għalkemm il-Kunsill jiddiskutihom, dawn l-ilmenti kellhom jiġu diskussi mill-organizzaturi tal-Isle of MTV.

2.12.5. Il-Kunsillier JAE qal li kellu wkoll xi ilmenti dwar xi ħmieġ li ġew riżolti fi ftit siegħat appena tnaddaf kollox kif soltu jsir.

2.12.6. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-ilment preċedenti u qalet li għalkemm forsi xi kultant jidher li hemm sigurtà stretta u esaġerata, tippreferi hekk milli r-residenti ma jkunux siguri. Hija qalet li kull attività iġġib magħha inkonvenjent, anke il-*mass meetings* politiċi. Hija qalet li tifhem li dan il-kunċert joħloq inkonvenjent iżda qalet li dan isir biss darba f'sena u jesponi l-ġmiel tal-Fosos internazzjonalment. Hija qalet ukoll li l-organizzaturi kienu ħadu d-deċiżjoni li l-kunċert isir f'Lulju u mhux f'Ġunju sabiex ma jkunux t'inkonvenjent għat-tfal tal-iskola li kienu qed jagħmlu l-eżamijiet.

2.12.7. Il-Viċi Sindku GD qalet li ta' kull sena l-organizzazzjoni kienet dejjem titjieb u l-inkonvenjent dejjem jitnaqqas.

2.12.8. Il-Kunsillier JAE qal li t-talba tal-Kunsill għandha tkun li l-organizzaturi jagħtu kemm jistgħu għarfien lill-Kunsill u hemm bżonn li jiġi enfasizzat li ż-żewġ entitajiet għandhom jimxu flimkien.

2.12.9. Is-Sindku DSH qalet li hi dejjem tieħu ħsieb tgħaddi l-ilmenti u l-kwistjonijiet li jqumu ta' kull sena lill-organizzaturi. Hija qalet li s-sena l-oħra kienet anke talbet tlett mitt spazju ta' parkeġġ fl-MCP biex jibbenefikaw minnhom ir-residenti dakinhar tal-kunċert li minnhom kienu ntużaw biss numru insinjifikanti.

2.12.10. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill dejjem prova jkun f'kuntatt dirett mar-residenti matul l-edizzjonijiet passati u għalhekk huwa importanti li l-Kunsill jimxi id f'id mal-organizzaturi.

2.12.11. Il-Kunsillier VB qal li l-uniku ilment li kellu hu kien il-fatt li maġenb l-entratura li kienet quddiem id-Dar tal-Kunsill kien hemm ħafna nies li bdew jarmu fliexken, eċċ. Il-Kunsill qabel li għandu javviċina lill-organizzaturi biex fis-snin li ġejjin ikun hemm tindif regolari f'din iż-żona minn x'ħin jibdew jikkjuwjaw in-nies.

2.12.12. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-ħasil tat-toroq li sar u ppropona li ċertu żoni jerġgħu jinħaslu. Is-Sindku qalet li kienet talbet ukoll li jerġgħu jinħaslu l-loġoġ fil-jiem li ġejjin.

2.12.13. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienux tnaddfu t-toroq residenzjali. Is-Sindku kkonfermat li kien sar tindif *extra* ta' toroq residenzjali u mhux biss tat-toroq tal-madwar.

2.12.14. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistgħux jerġgħu jibdew jinħaslu l-bankini b'roster. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja lill-kuntrattur.

2.12.15. Il-Viċi Sindku GD staqsiet jekk jistgħux jitwaħħlu bollards fuq ċertu bankini. Is-SE wieġbet li l-bankini kienu skedati u ma setgħux jitwaħħlu bollards apparti l-fatt li jekk tagħti lok li jitwaħħlu l-bollards fuq ċertu bankini, il-Kunsill jispiċċa jkollu jwaħħal bollards fit-toroq kollha.

## 2.13 Proġett tal-Ġnien Re George V

2.13.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li minħabba li x-xogħol ta' civil works kien għadu ma bediex, ma setax jitkompla x-xogħol u jibda t-twaħħil tal-bandli.

2.13.2. Is-Sindku qalet li jekk id-Dipartiment tal-Kuntratti jagħti risposta lill-Kunsill fuq kif għandu jimxi fil-jiem li ġejjin, allura testima li x-xogħol ikun jista' jitkompla lejn l-aħħar ta' Settembru.

## 2.14 Ġenna ta' Ġonna

2.14.1. Is-Sindku DSH qalet li l-attività ser tinżamm nhar it-13 t'Ottubru 2019.

2.14.2. Hija staqsiet lill-membri preżenti jekk il-Kunsill kienx ser jerġa' jinvolvi lill-għaqdiet lokali u oħrajn bħalma soltu jsir.

2.14.3. Il-Viċi Sindku GD qalet li hi temmen li l-għaqdiet għandhom jipparteċipaw b'ideat differenti sabiex l-attività tibqa' innovattiva.

2.14.4. Il-Kunsill qabel li għandu jinvolvi l-għaqdiet u qabel li għandu jsejjaħ laqgħa mal-għaqdiet lokali nhar il-31 ta' Lulju 2019 fis-7pm u qalet li għandhom jiġu inkuraġġiti jiġu b'ideat ġodda.

2.14.5. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jsejjaħ laqgħa mal-persuna responsabbli mit-*tours* tal-istazzjon tal-ferrovija sabiex jibdew id-diskussjonijiet minn qabel.

2.14.6. Is-SE insistiet fuq l-importanza li l-għaqdiet lokali jipprovdu riċevuti fiskali skont il-liġi għas-servizzi mogħtija minnhom peress li l-Kunsill kien għadu jistenna li ċerti għaqdiet lokali jaderixxu sa minn Novembru tas-sena ta' qabel, f'dan l-aspett skont il-liġi.

2.14.7. Is-Sindku qalet li hi kienet iddispjaċuta li s-sena l-oħra meta tħassret l-attività minħabba l-maltemp kien hemm għaqdiet li ma pparteċipawx. Hija qalet li l-għaqdiet lokali dejjem sabu sors ta' ħbiberija mill-Kunsill u għalhekk tippretendi li, jekk il-Kunsill qed jagħmel

attività li sfortunatament sfrattat minħabba l-maltemp, dawk li kellhom l-attivitajiet fuq ġewwa kellhom jipparteċipaw xorta waħda skont kif kien miftiehem.

## 2.15 PROĠETTI FUQ IL-FOSOS

2.15.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-proġett propost tal-Ferris wheel u qalet li s-seduta li kellha ssir quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar kienet tneħħiet minn fuq l-aġenda, però s'issa ma kellix iktar informazzjoni dwar ir-raġuni għaliex tneħħiet.

2.15.2. Is-Sindku qalet li tali materja kienet ġiet diskussa fil-leġiżlatura preċedenti fejn il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona għal dan il-proġett. Hija staqsiet lill-Kunsilliera ġodda dwar il-pożizzjoni tagħhom fuq dan il-proġett.

2.15.3. Il-Viċi Sindku GD qalet li hi ma taqbilx li tali proġett kien postu fuq il-Fosos. Hija staqsiet x'kien sar mill-Kunsill preċedenti rigward dan il-proġett.

2.15.4. Is-Sindku tat rendikont ta' x'kien ġara sa dakinhar u semmiet il-konsultazzjoni pubblika li kienet saret mar-residenti fejn kien ġie deċiż li l-Kunsill għandu joġġezzjona fuq l-opinjoni tal-maġġoranza. Is-Sindku qalet ukoll li ftit taż-żmien ilu, l-applikant kien biddel id-disinn u għalhekk il-Kunsill kien reġa' ġie mitlub jagħti l-*feedback* tiegħu. Intant il-Kunsill ipprepara petizzjoni fejn ġabar il-firem ta' dawk li qed joġġezzjonaw għal dan il-proġett.

2.15.5. Il-Kunsilliera JP qalet li hi wkoll toġġezzjona għal dan il-proġett u fil-fatt kienet anke għenet hi stess sabiex jinġabru l-firem għall-petizzjoni msemmija.

2.15.6. Għalhekk il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jibqa' joġġezzjona għal dan il-proġett.

2.15.7. Is-Sindku nformat li kienet talbet lill-konsulent tal-Kunsill jekk il-Kunsill hux ser ikollu vot fil-bord iżda jidher li ma kienx ser jingħata dritt ta' vot waqt dan is-smigħ.

## 2.16 PROĠETT MTA

2.16.1. Is-Sindku DSH qalet li l-Awtorità tat-Turiżmu kienet ser tikkontribwixxi favur il-Kunsill tal-Floriana fond għal Corporate Social Responsability in kunsiderazzjoni t'attivitajiet li torganizza fuq il-Fosos. Hija qalet ukoll li sabiex jinkisbu dawn il-fondi, il-Kunsill irid jagħmel xi proġett.

2.16.2. Is-Sindku kompliet billi qalet li fil-leġiżlatura preċedenti kien beda jiġi diskuss x'ser isir b'dawn il-fondi. Hija qalet li kienet qed tipproponi li permezz ta' dawn il-fondi jinbidel id-dawl ta' Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel mal-proposta minħabba li hemm ħtieġa immedjata li dan isir.

## 2.17 IL-KUNĊERT TA' JOSEPH CALLEJA

2.17.1. Is-Sindku nformat li l-kunċert ta' Joseph Calleja ser jittella' nhar l-24 t'Awwissu 2019. Hija qalet li għandha tintalab laqgħa mal-organizzaturi.

2.17.2. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għad hemm bilanċ dovut mill-istess organizzaturi relatat ma' xi ħsara li kienet saret fuq il-Fosos is-sena ta' qabel. Is-Sindku qalet li għandha tkellem lill-organizzaturi hi.

## 2.18 Proġett għall-trasport għal residenti anzjani

2.18.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-inizjattiva tal-Gvern li jipprovdi trasport b'xejn għar-residenti anzjani u pproponiet li tinfetaħ id-diskussjoni mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Agius Decelis sabiex il-lokalita tal-Floriana tiġi inkluża f'dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din il-proposta.

## 2.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

2.19.1. Il-laqgħa intemmet fl-3.50pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-Kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 7 t'Awwissu 2019 fis-1.30pm.

**Konfermati, illum 7 t' Awissu 2019**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv